MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 382/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Josef D'Amato ta' 18 il-sena, bin Spiridione u Gina (Georgina) Lia, imwieled Pieta` nhar l 26/04/1994, residenti 4, Triq it-Tigrija, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita numru 219494M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Jannar, 2013 u fis-sena ta' qabel:

a) Kellu fil-pussess ir-raza mehudha mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.01 issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta kundizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ Dok MB3.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------